**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 19 ta' April, 2018**

Kawza Numru: 8/2017MS

Amabile Zammit (KI 38563G)

Vs

Carmelo Galea (KI 54958G)

It-Tribunal

Ra' l-avvizipprezentat mill-attur fil-31 ta' Jannar 2017 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta' tlett elef tmien mija u erba u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€3,824.83) liema ammont huwa dovut bhala kummissjonijiet ghall-servizzi moghtija mill-attur fl-ufficju tal-Gozo Bus Owners Association a benefficju tal-istess konvenut. Bl-ispejjes.

Ra' r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Frar 2017 fejn ecepixxa illi;

1. t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li dak pretiz la huwa kkwalifikat u lanqas kkwantifikat.

2. preliminarjament l-attur ghandu qabel xejn jindika b'mod preciz ghal liema zmien huwa qed jirreferi meta fl-Avviz tieghu huwa ighid 'Perjodu ta' zmien meta l-attur kien jaqdi dmirijiet ta' Chairman tal-GBOA' u dana sabiex il-konvenut ikun jista' jezercita b'mod xieraq id-dritt ta' difiza tieghu.

3. preliminarjament ukoll, din it-talba ghandha tigi michuda stante li din il-pretensjoni diga tressqet quddiem dan l-Onorabbli Tribunal fl-Avviz Nru 44/2013 fl-ismijiet Carmelo Galea vs Amabile Zammit li gie deciz fl-14 ta' Lulju 2015 fejn minkejja li nghata l-opportunita' Zammit

ma gabx provi tal-pretensjonijiet tieghu u t-Tribunal ma kienx konvint mill-pretensjonijiet tieghu u ghalhekk din it-talba hija llum res judicata.

4. l-ammont li qed jigi pretiz mhuwiex dovut u minkejja l-pretensjonijiet tieghu l-attur qatt ma pprovda rendikont ta' kif dan l-ammont huwa dovut u dan minkejja li l-konvenut kemm-il darba talbu spjegazzjoni tal-pretensjoni tieghu.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra' l-verbal tal-24 ta' Frar 2017 fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li ghandhom jigu allegati l-atti kollha tal-avviz fl-ismijiet inversi numru 44/2013.

Ra' illi l-process fuq imsemmi gie effettivament anness ma l-atti ta' din il-kawza.

Ra' l-verbal tat-22 ta' Frar 2018 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi li hemm, ghad-19 ta' April 2018.

Ra x-xhieda migbura fl-atti mehuda bil-gurament.

Ra' l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-Tribunal sejjer l-ewwel jiddisponi mit-tielet eccezzjoni preliminari - dik tar-res judicata.

Illi l-konvenut qed jibbaza din l-eccezzjoni fuq kawza ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 44/2013 deciza definittivament mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 2016.

Illi l-attur f'dik il-kawza Carmeo Galea kien qieghed ifittex lill-konvenut Amabile Zammit ghas-somma ta' elfejn mija disgha u tletin Euro dovuti bhala hlas ta' xoghol ta' *privates* illi Carmelo Galea ghamel fuq inkarigu tal-konvenut. Ghal din it-talba Amabile Zammit kien eccepixxa l-preskrizzjoni kif ukoll it-tpacija bl-ammont ta' elfejn u tlieta u hamsin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2053.87) allegatament dovuti minn Galea lil Zammit. Bis-sentenza ta' dan it-Tribunal tal-14 ta' Lulju 2015 u s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' April 2016 dawn l-eccezzjonijiet gew trattati u michuda b'ezitu favur l-attur odjern Carmelo Galea.

Ikkunsidra

Illi biex il-konvenut Carmelo Galea jirnexxi f'din l-eccezzjoni tieghu ta' res judicata jrid jipprova tlett elementi u cjoe', *eadem res, eadem personae* u *eadem causa petendi.* Minn ezami komparattiv akkurat bejn iz-zewg kawzi it-Tribunal isib illi l-ismijiiet huma l-istess, ghalkemm ir-rwol rispettiv taghhom huwa differenti fis-sens illi fejn f'kawza minnhom Carmelo Galea huwa attur, f'din il-kawza huwa konvenut. Terga' u tghid il-mertu huwa wkoll differenti ghax l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa differenti mill-ammont illi kien intalab fil-kawza numru 44/2013. Mhux hekk biss. Illi filwaqt li Amabile Zammit f'din il-kawza qed jitlob l-ammont ta' tlett elef tmien mija erbgha u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmi, fil-kawza l-ohra, l-istess Amabile Zammit kien qed jippretendi li jigu pacuti elfejn tlieta u hamsin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€2053.87).

Ikkunsidra

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003 fl-ismijiet Charles Cortis vs Francis X Aquilina.

*"Hemm qbil generali kemm fid-dottrina u kif wkoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tal-gudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi Omnia concurrunt, alia res est)…"*

Minbarra d-differenzi fuq imsemmija, l-kawzali fiz-zewg kawzi huma differenti. Fil-kawza numru 44/2013, Carmelo Galea qieghed jitlob il-hlas ta' xoghol ta' *privates* illi ghamel fuq inkarigu ta' Amabile Zammit mentri fil-kaz odjern Amabile Zammit qed jitlob rizarciment bhala kummissjonijiet ghal servizzi moghtija.

Ghalhekk it-Tribunal issib illi l-ebda wahda mill-elementi fuq imsemmija, hlief forsi dik tal-*eadem personae,* ma jirrikorru f'din il-kawza. Zgur illi t-tlieta flimkien, pero, ma jirrikorrux u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tintlahaq.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet l-ohra, dawn jirrigwardaw il-mertu u cjoe' li l-ammont pretiz la huwa kwalifikat u lanqas kwantifikat u ma hemm l-ebda indikazzjoni taz-zmien u c-cirkostanzi kif dan l-ammont huwa dovut. In sostenn tal-pretensjoni tieghu l-attur ghamel referenza ghall-prospett esebit a fol 74 fl-atti tal-kawza numru 44/2013. Oltre dan il-prospett, u x-xhieda tal-attur Amabile Zammit, ma jidhirx illi hemm indikazzjonijiet ohra fuq xhiex dan it-Tribunal jista' jorbot il-pretensjoni attrici.

Inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta'*

*l-attur (reus in excipiendo fit actor).*

*2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.*

*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet.*

*Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex vero ghax mhux ipprovat;*

……

Hawnhekk it-Tribunal ma jistax ma jirreferix ghal kummenti illi saru mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza definittiva taghha fuq citata (44/2013) rigward il-pretensjoni tal-attur odjern, fejn f'pagna 102 il-Qorti tghid:

*"Madankollu l-ammont li jista' jkun dovut ghadu mhuwiex likwidat. Ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li l-kreditu hu cert. Il-prospett mhuwiex bizzejjed* (sottolinear ta' dan it-Tribunal) *aktar u aktar meta tqis li fit-twegiba (fol16) il-konvenut (cjoe' Amabile Zammit) iddikjara li ghandu kreditu ta' €2053.87 filwaqt illi fil-prospett (fol74) iddikjara kreditu ta' €3,824.83) minghajr ma spjega r-raguni ghal din id-differenza kollha ….* "

Kien jinkombi fuq l-attur (Amabile Zammit) sabiex jipprova fuq bilanc ta' probabbilita' illi l-ammont reklamat minnu huwa dovut. Kellu kull opportunita' sabiex igib din il-prova, inkluz in-noti personali li qal li ghandu, izda dawn ma gewx ipprezentati la fl-ewwel kawza u lanqas quddiem dan it-Tribunal, f'din il-kawza, kif lanqas ma xehdu ir-rapprezentanti tal-allura Gozo Bus Owners Association li forsi setghu jitfghu xi dawl fuq il-pretensjoni ta' Zammit. Ghalhekk minkejja l-prezentata ta' din il-kawza, is-sitwazzjoni baqghet l-istess, kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell meta kkunsidrat l-pretensjoni ta' Zammit.

Ili d-dikjarazzjoni ta' Carmelo Galea, il-konvenut odjern, li l-attur Amabile Zammit ghandu jiehu xi haga (fol 73) tibqa' dikjarazzjoni vaga u nebuluza li m'ghandha l-ebda valur probattiv la mhijiex korroborata bid-dokumenti u Zammit ma jistax jiehu vantagg minn din id-dikjarazzjoni hekk vaga.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz mehud kollox flimkien, l-attur ma lahaqx il-grad ta' prova necessarja sabiex l-istanza tieghu jkollha success u ma rnexxilux jikkonvinci lil dan it-Tribunal fuq bażi ta' probabilita li huwa kreditur ta' l-intimat fl-ammont reklamat minnu f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*